MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 446/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat, prezentat fil-21 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li kellhom il-partijiet bejniethom, twieled t-tifel, Zven li ghandu sentejn; illi l-konvenut qatt ma kkontribwixxa b'mod sinifikativ ghall-matneniment tal-minuri u fl-ahhar sena gieli m'ghadda xejn sabiex l-attrici tmantni lill-binha u hija qieghda taghmel dan bl-isforzi taghha biss; illi l-attrici giet awtorizzata tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghall-wild minuri; bl-ispejjez komprizi dawk relattivi ghall-medjazzjoni ta' l-ittra numru 874/08;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li l-kawza maghmula mill-attrici hija malraprezentata in kwantu li ma gewx segwiti l-formalitajiet li gew stabbiliti fil-kawza Carmen Zammit pro et now vs Wail Dadouch et tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza datata 6 ta' Frar 2003, per Imhallef Joseph R. Micallef u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; [2] li minghajr pregudizzju ghal [1] l-konvenut dispost li jhallas manteniment basta jkun gust u ekwu fid-dawl tal-fatt li ghandu paga ta' lavrant; [3] li ghandu jittiehed kont li l-attrici hija obbligata tmantni u tikkontribwixxi bl-istess mod u b'daqs ugwali ghall-konvenut; [4] li l-konvenut ghandu self ta' €74,431 oltre l-assikurazzjoni u dawn fuq il-fond immobbli; bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici ssostni li n-nefqa taghha mensili hija ta' €224 u dan ma jinkludiex spejjez ta' hwejjeg, zraben, underwear, tabib, medicini, spejjez skolastici u tal-barbier. Hija tghid ukoll li tul ix-xahar t'April 2008 il-konvenut ghadda lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' €95, mentri ghall-ahhar ta' Settembru 2008 dan ghola ghal €30 fil-gimgha u baqa' jghaddi dina s-somma.

L-attrici ma tahdimx, kienet tahdem bhal *salesgirl u machine operator*. Meta kellha hames xhur tqala l-attrici ssostni li telqet mix-xoghol u ma regghetx fitxet xoghol wara li kellha t-tifel. Hija tghix ma' ommha u qeghdin hamsa minn nies inkluz it-tifel minuri. L-attrici tircievi *children's allowance ta' €288.99 kull tlett xhur u €311.60 fix-xahar bhala assistenza socjali.*

*Verzjoni Konvenut*

Illi mid-dokumenti prodotti mill-konvenut jirrizulta li fis-sena 2009 huwa kellu paga settimanali ta' €146.47 gross. Hu jsostni li ghandu diversi spejjez rikorrenti: jhallas €233

bhala pagamenti tas-self fuq ix-xiri tal-propjeta` li ghamel, oltre l- assigurazzjonijiet fl-ammonti ta' €21 u €70 fis-sena u dan oltre spejjez ohra illi huwa ghandu. Huwa jaqbel mal-verzjoni ta' l-attrici li jghaddi s-somma ta' €30 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri.

Il-konvenut jghid li huwa jahdem ta' xuffier ma' burdnara u jhott il-containers ma' missieru u zijuh li jaghmlu l-istess xoghol li jaghmel hu.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ebda mod u fl-ebda parti minnha ma tindika ghaliex il-kawza odjerna giet malrapprezentata, dan ma sarx mill-konvenuta anqas fin-nota responsiva tieghu ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis din l-eccezzjoni mhux sostnuta u qed tichadha.

*Quantum – Manteniment*

Jirrizulta li l-attrici qed tippercepixxi beneficcji socjali relattivi ghat-tifel fl-ammonti fuq indikati. Inoltre, ma tirrizulta ebda raguni ghaliex l-attrici m' ghadhiex tahdem, almenu fuq bazi part-time partikolarment issa li t-tifel ghandu l-eta' li jmur l-iskola.

Minn naha tieghu l-konvenut, qua missier, m' ghandux il-possibilita' li jzid l-introjtu tieghu limitata bhala dik tal-attrici, u ghalhekk ghandu obbligu izjed mill-attrici li jikkontribwixxi aktar, finzanzjarjament, ghat-trobbija tat-tifel, u zgur li x-xoghol li hu jaghmel, bhala driver ma' burdnara, jaghtih l-possibbilita' li jaghmel xoghol extra b' mod li jzid l-introjtu tieghu.

Illi tenut kont tal-premess, kif ukoll tal-obbligi taz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-minuri, kemm bil-kura effettiva, f' dan il-kaz da parti tal-omm, kif ukoll bl-ghajnuna finanzjarja da parti tal-missier, tistabbilixxi *rebus sic stantibus* retta alimentarja fl-ammont ta' mija u sittin ewro [€160] kull erba' gimghat dovuti mill-konvenut lill-

attrici, liema ammont jizdied kull sena skond ir-rata tal-gholi tal-hajja kif murija fl-indici ufficjali tal-gvern. Dan l-ammont ikopri l-ispejjez ordinarji ta' sahha tal-minuri, u dawk tal-edukazzjoni.

Spejjez ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati mill-partijiet ugwalment.

Dan l-ammont huwa deducibbli direttament mill-paga tal-konvenut, u moghti lill-attrici permezz ta' cheque fl-indirizz residenzjali taghha jew depozitat direttament f' kont bankarju ndikat minnha permezz ta' nota, f' wiehed mill-banek lokali.

Il-hlas tal-manteniment jispicca hekk kif il-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena jew jibda jahdem bi qligh regolari u adegwat, liema jigi l-ewwel.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici r-retta alimentarja mensili kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *"Quantum – Manteniment"*.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------